



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Jannar 2017 – Nausicaa Anadyomène et Banque d'escompte vs BĊE

(Kawża T-749/15)

“Responsabbiltà mhux kuntrattwali - Politika ekonomika u monetarja - BĊE - Banek ċentrali nazzjonali - Ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg - Programm ta' xiri ta' titoli - Ftehim ta' skambju ta' titoli favur il-banek ċentrali tal-Eurosistema biss - Involvement tas-settur privat - Klawżoli ta' azzjoni kollettiva - Tisħiħ tal-kollateral fil-forma ta' programm ta' xiri mill-ġdid intiż sabiex tissaħħaħ il-kwalità tat-titoli bħala garanziji - Kredituri privati - Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi - Aspettattivi leġittimi - Ugwaljanza fit-trattament”

1. *Proċedura ġudizzjarja – Awtorità ta' res judicata – Portata – Inammissibbiltà ta' tieni rikors – Kundizzjonijiet – Identikità tal-partijiet, tas-suġġett u tal-kawża, taż-żewġ rikorsi*

(ara l-punti 63, 64)

2. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Illegalità – Dannu – Rabta kawżali – Assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet – Ċaħda tar-rikors għad-danni kollu kemm hu*

(It-tielet paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)

(ara l-punt 68)

3. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kundizzjonijiet – Illegalità – Ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni – Rekwiżit ta' nuqqas ta' osservanza manifest u gravi, mill-istituzzjonijiet, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħhom – Evalwazzjoni fil-każ tal-atti ta' portata ġenerali adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-politika monetarja*

(Artikoli 127 TFUE, 282 TFUE u 340 TFUE; Protokoll Nru 4 anness mat-Trattati UE u FUE, Artikolu 18)

(ara l-punti 69-71)

4. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Limiti – Adozzjoni ta' miżuri fil-qasam tal-politika monetarja – Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet – Aġġustament tal-miżuri skont il-varjazzjonijiet tas-sitwazzjoni ekonomika – Impossibbiltà li tiġi invokata l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi*

(ara l-punti 81, 82)

5. *Proċedura ġudizzjarja – Produzzjoni tal-provi – Terminu – Produzzjoni tardiva tal-offerti ta' prova – Kundizzjonijiet*

(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 85(1) u (2))

(ara l-punti 84, 85)

6. *Politika ekonomika u monetarja – Politika monetarja – Implementazzjoni – Ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg permezz ta' programm ta' xiri ta' titoli ta' dejn tal-Istat – Stabbiliment mill-ġdid temporanju tal-eliġibbiltà it-titoli ta' dejn Griegi bħala garanziji xierqa għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema – Tnissil eventwali ta' aspettattiva leġittima għall-parti tal-istess investituri u tal-proprietarji ta' dawn it-titoli kontra l-effetti negattivi ta' ristrutturazzjoni eventwali tad-dejn pubbliku Grieg – Assenza*

(L-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) TFUE; Protokoll Nru 4 anness mat-Trattati UE u FUE, Artikolu 18(1); Deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew 2010/268, 2012/133, 2012/153, 2012/433 u 2012/839)

(ara l-punti 89, 93, 96, 97, 99)

7. *Politika ekonomika u monetarja – Politika monetarja – Implementazzjoni – Ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg permezz ta' programm ta' xiri ta' titoli ta' dejn tal-Istat – Konklużjoni ta' ftehim ta' skambju ta' titoli favur il-banek ċentrali tal-Eurosistema biss – Esklużjoni tal-parteċipazzjoni tal-investituri privati detenturi ta' tali titoli – Ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Assenza*

(Artikolu 123 TFUE; Protokoll Nru 4 anness mat-Trattati UE u FUE, Artikolu 18(1))

(ara l-punt 98)

8. *Politika ekonomika u monetarja – Politika monetarja – Implementazzjoni – Ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg permezz ta' programm ta' xiri ta' titoli ta' dejn tal-Istat – Konklużjoni ta' ftehim ta' skambju ta' titoli favur il-banek ċentrali tal-Eurosistema biss – Esklużjoni tal-parteċipazzjoni tal-banek kummerċjali detenturi ta' dawn it-titoli – Sitwazzjonijiet mhux komparabbli tal-banek ċentrali u privati – Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tad-dmir ta' diliġenza tal-Bank Ċentrali Ewropew – Assenza*

(Artikoli 123 TFUE, 127(1) u (2) TFUE u 282(1) TFUE; Protokoll Nru 4 anness mat-Trattati UE u FUE, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1), Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew 2010/281)

(ara l-punti 111-114, 121)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sostnew wara, b'mod partikolari, l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2012/153/UE, tal-5 ta' Marzu 2012, dwar l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-offerta għall-iskambju ta' dejn tar-Repubblika Ellenika (BĊE/2012/3) (ĠU 2012, L 77, p. 19), kif ukoll miżuri oħra tal-BĊE marbuta mar-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Nausicaa Anadyomène SAS u l-Banque d'escompte huma kkundannati għall-ispejjeż.